MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Numru. 1284/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Emmanuel maghruf bhala Noel Briffa iben Ersilia Briffa, mwieled Pieta` nhar is-16 ta’ Novembru 1973, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 13474M u residenti 71 Triq il-Lvant Valletta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Emmanuel maghruf bhala Noel Briffa li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar is-6 ta’ Dicembru 2008 ghall-habta ta’ 01:00hrs, gewwa Villa Sant’ Anna Triq il-Qaliet Marsaskala ikkommetta serq ta’ zewg mobile phones u diversi oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li

jeccedi il-232.94 Euro (Lm100) izda huwa anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lirta Maltija u bil-hin ghad-dannu ta' Esther Mifsud u Stephen Mifsud mill-Hamrun;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema akkuza giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali ta'l-10 ta' Settembru 2007.

Ikkunsidrat;

Illi illi fid-dawl tal-provi migjuba u fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali tieghu kif ukoll il-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u li l-oggetti misruqa illum gew ritornati lil sidhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kaptolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------